**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B **REGOLAMENT (UE) Nru 492/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-5 ta' April 2011**

**dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni**

**(kodifikazzjoni)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 | L 107 | 1 | 22.4.2016 |

▼B

**REGOLAMENT (UE) Nru 492/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-5 ta' April 2011**

**dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni**

**(kodifikazzjoni)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

KAPITOLU I

**L-IMPJIEG, L-UGWALJANZA FIT-TRATTAMENT U L-FAMILJI TAL-ĦADDIEMA**

*TAQSIMA I*

***Eliġibbiltà għall-impjieg***

*Artikolu 1*

1. Kwalunkwe ċittadin ta' xi Stat Membru, għandu, irrispettivament mill-post ta' residenza tiegħu, ikollu d-dritt li jidħol għall-attività bħala persuna impjegata, u li jwettaq attività tali, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti b'liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva li jirregolaw l-impjieg taċ-ċittadini ta' dak l-Istat.

2. Hu għandu, b'mod partikolari, ikollu d-dritt li jidħol għall-impjieg disponibbli fit-territorju ta' Stat Membru ieħor bl-istess prijorità ta' ċittadini ta' dak l-Istat.

*Artikolu 2*

Kwalunkwe ċittadin ta' xi Stat Membru u kull min iħaddem li jkunu qegħdin iwettqu xi attività fit-territorju ta' xi Stat Membru jistgħu jiskambjaw l-applikazzjonijiet tagħhom għal u l-offerti tagħhom ta' impjieg, u jistgħu jikkonkludu u jħaddmu kuntratti ta' impjieg skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ stabbiliti b'liġi, regolament, jew azzjoni amministrativa, mingħajr l-ebda diskriminazzjoni riżultanti minnhom.

*Artikolu 3*

1. Taħt dan ir-Regolament, dispożizzjonijiet stabbiliti b'liġi, regolament, jew azzjoni amministrativa ta' xi Stat Membru m'għandhomx japplikaw:

(a) fejn huma jillimitaw l-applikazzjoni għal u l-offerti ta' impjieg, jew id-dritt ta' ċittadini barranin li jidħlu għal u jwettqu xogħol jew jissuġġettaw lil dawn għall-kondizzjonijiet mhux applikabbli fir-rigward tal-istess ċittadini tagħhom; jew

(b) fejn, għalkemm applikabbli irrispettivament miċ-ċittadinanza, l-għan jew l-effett esklużiv jew prinċipali tagħhom hu li jżommu ċittadini ta' Stati Membri oħra 'l bogħod mill-impjieg offrut.

L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għall-kondizzjonijiet marbutin ma' għarfien lingwistiku minħabba n-natura tal-kariga li għandha timtela.

▼B

2. Għandhom ikunu inklużi b'mod partikolari fost id-dispożizzjonijiet jew prattiki ta' xi Stat Membru li saret referenza għalihom fl-ewwel sub-paragrafu tal-paragrafu 1 dawk li:

(a) jippreskrivu proċedura speċjali għar-reklutaġġ ta' ċittadini barranin;

(b) jillimitaw jew jagħmlu restrizzjoni fuq ir-reklamar tal-postijiet vakanti fl-istampa jew permezz ta' xi mezz ieħor jew jagħmluh soġġett għall-kondizzjonijiet ta' xort'oħra minn dawk applikabbli għal dawk li jħaddmu li jwettqu l-attivitajiet tagħhom fit-territorju ta' dak l-Istat Membru;

(c) jissuġġettaw l-eliġibbiltà għall-impjieg għall-kondizzjonijiet ta' reġistrazzjoni mal-uffiċċji tal-impjieg jew jimpedixxu reklutaġġ ta' ħaddiema individwali, fejn persuni li ma jgħixux fit-territorju ta' dak l-Istat huma kkonċernati.

*Artikolu 4*

1. Dispożizzjonijiet stabbiliti b'liġi, regolament, jew azzjoni amministrattiva tal-Istati Membri li jirrestringu b'numru jew persentaġġ l-impjieg ta' ċittadini barranin fi kwalunkwe intrapriża, fergħa ta' attività jew reġjun, jew f'livell nazzjonali, m'għandhomx japplikaw għal ċittadini tal-Istati Membri l-oħra.

2. Meta fi Stat Membru l-għoti ta' kwalunkwe benefiċċju lill-intrapriżi huwa suġġett għall-impjieg ta' persentaġġ minimu ta' ħaddiema nazzjonali, iċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra għandhom jingħaddu bħala ħaddiema nazzjonali, suġġett għad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali ([1]).

*Artikolu 5*

Ċittadin ta' xi Stat Membru li jfittex impjieg fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għandu jirċievi l-istess għajnuna hemmhekk bħal dik mogħtija mill-uffiċċji tal-impjieg f'dak l-Istat lil ċittadini tagħhom li jkunu qegħdin ifittxu impjieg.

*Artikolu 6*

1. L-ingaġġ u r-reklutaġġ ta' ċittadin ta' Stat Membru wieħed għal kariga fi Stat Membru ieħor m'għandhomx jiddependu fuq kriterji mediċi, professjonali jew kriterji oħrajn li huma diskriminatorji fuq il-bażi ta' ċittadinanza, bi tqabbil ma' dawk applikati għal ċittadini tal-Istat Membru l-ieħor li jkunu jixtiequ jwettqu l-istess attività.

2. Ċittadin ta' Stat Membru li għandu offerta f'ismu mingħand persuna li tħaddem fi Stat Membru minbarra dak li tiegħu hu għandu ċ-ċittadinanza jista' jkollu joqgħod għal test professjonali, jekk min iħaddem espressament jitlob dan meta jkun qed jagħmel l-offerta tiegħu ta' impjieg.

*TAQSIMA 2*

***Impjieg u ugwaljanza fit-trattament***

*Artikolu 7*

1. Ħaddiem ċittadin ta' xi Stat Membru ma jistax, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, ikun trattat b'mod differenti minn ħaddiema nazzjonali

([1]) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

▼B

minħabba ċ-ċittadinanza tiegħu fir-rigward ta’ kwalunkwe kondizzjoni tal-impjieg u tax-xogħol, partikolarment fir-rigward ta’ paga, tkeċċija u jekk hu jisfa' mingħajr xogħol, ingaġġ mill-ġdid jew impjieg mill-ġdid.

2. Huwa għandu jgawdi l-istess vantaġġi soċjali u ta’ taxxa bħall-ħaddiema nazzjonali.

3. Huwa għandu ukoll, bis-saħħa tal-istess dritt u taħt l-istess kondizzjonijiet bħall-ħaddiema nazzjonali, ikollu aċċess għal taħriġ fi skejjel professjonali u ċentri għal taħriġ mill-ġdid.

4. Kwalunkwe klawżola ta’ ftehim kollettiv jew individwali jew ta’ kwalunkwe regolament kollettiv ieħor li tikkonċerna l-eliġibbiltà għall-impjieg, paga u kondizzjonijiet oħra ta’ xogħol jew tkeċċija għandha tkun nulla u bla effett sa fejn tistabbilixxi jew tawtorizza kondizzjonijiet diskriminatorji fir-rigward ta’ ħaddiema ċittadini tal-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 8*

Ħaddiem ċittadin ta’ Stat Membru u li hu impjegat fit-territorju ta’ Stat Membru ieħor għandu jgawdi ugwaljanza fit-trattament fir-rigward ta’ sħubija fi trejdunjins u t-tħaddim ta’ drittijiet marbutin magħhom, inkluż id-dritt għall-vot u li jkun eliġibbli għall-postijiet ta’ amministrazzjoni jew treġija ta’ trejdunjin. Hu jista' jkun eskluż milli jieħu sehem fit-tmexxija ta’ korpi rregolati mid-dritt pubbliku u milli jieħu impjieg irregolat mid-dritt pubbliku. Barra minn dan, huwa għandu jkollu d-dritt ta’ eleġibbiltà għal korpi rappreżentattivi tal-ħaddiema fl-intrapriża.

L-ewwel subparagrafu ta’ dan l-Artikolu m'għandux jaffettwa liġijiet jew regolamenti f'ċerti Stati Membri li jagħtu drittijiet aktar estensivi lil ħaddiema ġejjin minn Stati Membri oħra.

*Artikolu 9*

1. Ħaddiem ċittadin ta’ xi Stat Membru u li hu impjegat fit-territorju ta’ Stat Membru ieħor għandu jgawdi d-drittijiet u l-benefiċċji kollha mogħtija lill-ħaddiema nazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam ma’ dar fejn jgħix inkluża l-proprjetà tat-tip ta’ dar li jeħtieġ.

2. Il-ħaddiem imsemmi fil-paragrafu 1 jista', bl-istess dritt bħaċ-ċittadini ta’ dak l-Istat Membru, iniżżel ismu fil-lista ta’ djar għall-abitazzjoni fir-reġjun li fih hu jkun impjegat fejn lista bħal din teżisti; huwa għandu jgawdi l-benefiċċji u prijoritajiet li jirrizultaw.

Jekk il-familja tiegħu tkun baqgħet fil-pajjiż mnejn hu jkun ġie, hija għandha tiġi kkunsidrata għal dan l-iskop bħala li toqgħod fir-reġjun imsemmi, fejn il-ħaddiema nazzjonali jibbenefikaw minn preżunzjoni simili.

▼B

*TAQSIMA 3*

***Il-familji tal-ħaddiema***

*Artikolu 10*

It-tfal ta' ċittadin ta' Stat Membru li hu jew kien impjegat fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għandhom ikunu ammessi għall-korsijiet edukattivi ġenerali, ta' apprendistat u ta' taħriġ professjonali ta' dak l-Istat taħt l-istess kondizzjonijiet bħal ċittadini ta' dak l-Istat, jekk dawn it-tfal ikunu qegħdin jgħixu fit-territorju tiegħu.

L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-isforzi kollha biex dawn it-tfal ikunu jistgħu jattendu għal dawn il-korsijiet taħt l-aħjar kondizzjonijiet possibbli.

KAPITOLU II

**L-IKKLERJAR TA' POSTIJIET VAKANTI U APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-IMPJIEG**

*TAQSIMA 1*

***Kooperazzjoni bejn l-istat membri u mal-kummissjoni***

▼M1

__________

▼B

*TAQSIMA 2*

***Makkinarju għall-ikklerjar ta' postijiet vakanti***

*Artikolu 13*

▼M1

__________

__________

__________

▼B

*TAQSIMA 3*

***Miżuri biex jiġi kkontrollat il-bilanċ tas-suq tax-xogħol***

▼M1

__________

▼B

*TAQSIMA 4*

***Uffiċċju ewropew għall-koordinazzjoni***

▼M1

__________

▼B

KAPITOLU III

**KUMITATI BIEX TIĠI ŻGURATA KOOPERAZZJONI MILL-QRIB BEJN L-ISTATI MEMBRI F'MATERJI LI JIKKONĊERNAW IL-MOVIMENT LIBERU TAL-ĦADDIEMA U L-IMPJIEG TAGĦHOM**

*TAQSIMA 1*

***Il-kumitat konsultattiv***

*Artikolu 21*

Il-Kumitat Konsultattiv għandu jkun responsabbli biex jassisti l-Kummissjoni fl-eżami ta' kwistjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni tiegħu, f'materji li jikkonċernaw il-moviment liberu tal-ħaddiema u l-impjieg tagħhom.

*Artikolu 22*

Il-Kumitat Konsultattiv għandu jkun responsabbli, partikolarment:

(a) biex jeżamina kull problema li tikkonċerna l-moviment liberu u l-impjieg fil-qafas tal-politiki nazzjonali dwar ħaddiema disponibbli, bil-għan li ssir koordinazzjoni tal-politiki tal-impjieg tal-Istati Membri, li b'hekk tikkontribwixxi għall-izvilupp tal-ekonomiji u għal titjib fil-bilanċ tas-suq tax-xogħol;

(b) biex jagħmel studju ġenerali tal-effetti tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u kwalunkwe mizuri supplementari;

(c) biex jissottometti lill-Kummissjoni kwalunkwe proposta motivata sabiex jiġi rivedut dan ir-Regolament;

(d) biex jagħti, jew fuq talba tal-Kummissjoni inkella fuq l-inizjattiva tiegħu stess, opinjonijiet motivati dwar kwistjonijiet ġenerali jew dwar kwistjonijiet ta' prinċipju, partikolarment dwar skambju ta' informazzjoni li tikkonċerna żvilupp fis-suq tax-xogħol, dwar il-moviment ta' ħaddiema bejn Stati Membri, dwar programmi jew mizuri biex jiġu żviluppati gwida professjonali u taħriġ professjonali li x'aktarx izidu l-possibbiltajiet ta' moviment liberu u impjieg, u dwar il-forom kollha ta' assistenza lill-ħaddiema u l-familji tagħhom, inklużi għajnuna soċjali u djar għall-ħaddiema.

*Artikolu 23*

1. Il-Kumitat Konsultattiv għandu jkun kompost minn sitt membri għal kull Stat Membru, li tnejn minnhom għandhom jirrappreżentaw il-Gvern, tnejn lit-trejdunjins u tnejn lill-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem.

2. Għal kull waħda minn dawn il-kategoriji msemmija fil-paragrafu 1, membru supplenti wieħed għandu jkun maħtur minn kull Stat Membru.

▼B

3. Iż-żmien ta' kariga tal-membri u tal-membri supplenti għandu jkun ta' sentejn. Il-ħatra tagħhom tista' tiġi mġedda.

Mat-tmiem taż-żmien tagħhom fil-kariga, il-membri u l-membri supplenti għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu mibdula jew sakemm il-ħatriet tagħhom jiġu mġedda.

*Artikolu 24*

Il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv għandhom ikunu maħtura mill-Kunsill li għandu jagħmel ħiltu, meta jkun qiegħed jagħżel rappreżentanti ta' trejdunjins u assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, biex jikseb rappreżentazzjoni adekwata fuq il-Kumitat tas-setturi ekonomiċi varji konċernati.

Il-lista tal-membri u tal-membri supplenti għandha tkun ippubblikata mill-Kunsill għall-informazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 25*

Il-Kumitat Konsultattiv għandu jkun ippresedut minn membru tal-Kummissjoni jew rappreżentant tiegħu. Il-President m'għandux jivvota. Il-Kumitat għandu jiltaqa' għall-inqas darbtejn fis-sena. Huwa għandu jiġi msejjaħ mill-President tiegħu, jew fuq inizjattiva tiegħu stess, inkella fuq talba ta' mill-inqas terz tal-membri.

Is-servizzi segretarjali għandhom ikunu pprovduti għall-Kumitat mill-Kummissjoni.

*Artikolu 26*

Il-President jista' jistieden individwi jew rappreżentanti ta' korpi b'esperjenza wiesgħa fil-qasam tal-impjieg jew moviment ta' ħaddiema biex jieħdu sehem f'laqgħat bħala osservaturi jew bħala esperti. Il-President jista' jkun assistit minn konsulenti esperti.

*Artikolu 27*

1. Opinjoni mogħtija mill-Kumitat m'għandhiex tkun valida jekk żewġ terzi tal-membri ma jkunux preżenti.

2. Opinjonijiet għandhom jaffermaw ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati; huma għandhom jiġu adottati b'maġġoranza assoluta tal-voti validament mitfugħa; huma għandhom ikunu akkumpanjati bi stqarrija bil-miktub tal-opinjonijiet espressi mill-minoranza, meta din tal-aħħar titlob hekk.

*Artikolu 28*

Il-Kumitat Konsultattiv għandu jistabbilixxi l-metodi ta' ħidma tiegħu b'regoli ta' proċedura li għandhom jidħlu fis-seħħ wara li l-Kunsill, wara li jkun irċieva opinjoni mill-Kummissjoni, ikun ta l-approvazzjoni tiegħu. Id-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe emenda li l-Kumitat jiddeċiedi li jagħmel għal dawn ir-regoli għandu jkun suġġett għall-istess proċedura.

▼B

*TAQSIMA 2*

***Il-kumitat tekniku***

*Artikolu 29*

Il-Kumitat Tekniku għandu jkun responsabbli li jassisti lill-Kummissjoni biex tħejji, tippromwovi u ssegwi x-xogħol u l-miżuri tekniċi kollha sabiex jingħata effett lil dan ir-Regolament u kwalunkwe miżura supplementari.

*Artikolu 30*

Il-Kumitat Tekniku għandu jkun responsabbli, partikolarment:

(a) biex jippromwovi u javvanza kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi konċernati fl-Istati Membri dwar il-kwistjonijiet tekniċi kollha marbutin mal-moviment liberu tal-ħaddiema u l-impjieg tagħhom;

(b) biex jifformula proċeduri għall-organizzazzjoni tal-attivitajiet konġunti tal-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati;

(c) biex jiffaċilita l-ġbir ta’ informazzjoni li x'aktarx tkun ta’ użu għall-Kummissjoni u għall-istudji u riċerka previsti f'dan ir-Regolament u jinkoraġġixxi skambju ta’ informazzjoni u esperjenza bejn il-korpi amministrattivi kkonċernati;

(d) biex jinvestiga fuq livell tekniku l-armonizzazzjoni tal-kriterji li bihom Stati Membri jevalwaw l-istat tas-swieq tax-xogħol tagħhom.

*Artikolu 31*

1. Il-Kumitat Tekniku għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istat Membri. Kull Gvern għandu jaħtar bħala membru tal-Kumitat Tekniku, wieħed mill-membri li jirrappreżentawh fuq il-Kumitat Konsultattiv.

2. Kull Gvern għandu jaħtar membru supplenti minn fost ir-rappreżentanti l-oħra tiegħu, membri jew membri supplenti, fuq il-Kumitat Konsultattiv.

*Artikolu 32*

Il-Kumitat Tekniku għandu jkun ippresedut minn membru tal-Kummissjoni jew rappreżentant tiegħu. Il-President m'għandux jivvota. Il-President u l-membri tal-Kumitat jistgħu jkunu assistiti minn konsulenti esperti.

Is-servizzi segretarjali għandhom ikunu pprovduti lill-Kumitat mill-Kummissjoni.

*Artikolu 33*

Il-proposti u l-opinjonijiet formulati mill-Kumitat Tekniku għandhom ikunu sottomessi lill-Kummissjoni, u l-Kumitat Konsultattiv għandu jkun infurmat b'dan. Kwalunkwe proposta u opinjoni tali għandha tkunu akkumpanjata bi stqarrija bil-miktub tal-opinjonijiet espressi mill-membri varji tal-Kumitat Tekniku meta dawn tal-aħħar jitolbu hekk.

▼B

*Artikolu 34*

Il-Kumitat Tekniku għandu jistabbilixxi l-metodi ta' ħidma tiegħu b'regoli ta' proċedura li għandhom jidħlu fis-seħħ wara li l-Kunsill, wara li jkun irċieva opinjoni mill-Kummissjoni, ikun ta l-approvazzjoni tiegħu. Id-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe emenda li l-Kumitat jiddeċiedi li jagħmel għal dawn ir-regoli għandu jkun suġġett għall-istess proċedura.

KAPITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 35*

Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konsultattiv u tal-Kumitat Tekniku fis-seħħ fit-8 ta' Novembru 1968 għandhom ikomplu japplikaw.

*Artikolu 36*

1. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika li jittrattaw dwar eliġibbiltà għall-impjieg imħarreġ fil-qasam tal-enerġija nukleari, lanqas kwalunkwe miżura meħuda b'konformità ma' dan it-Trattat.

Madanakollu, dan ir-Regolament għandu japplika għall-kategorija ta' ħaddiema msemmija fl-ewwel subparagrafu u għall-membri tal-familji tagħhom sa fejn il-pożizzjoni legali tagħhom mhijiex irregolata mit-Trattat jew il-mizuri msemmija hawn fuq.

2. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa miżuri meħudin skont l-Artikolu 48 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-obbligi ta' Stati Membri li joħorġu minn relazzjonijiet speċjali jew ftehimiet fil-futur ma' ċerti pajjiżi jew territorji mhux Ewropej, ibbazati fuq rabtiet istituzzjonali eżistenti fit-8 ta' Novembru 1968, jew ftehim diġà ezistenti fit-8 ta' Novembru 1968 ma' ċerti pajjiżi jew territorji mhux Ewropej, ibbazati fuq rabtiet istituzzjonali bejniethom.

Ħaddiema minn pajjiżi jew territorji bħal dawn li skont din id-dispożizzjoni qegħdin iwettqu attivitajiet bħala persuni impjegati fit-territorju ta' xi wieħed minn dawk l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jinvokaw il-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fit-territorju tal-Istati Membri l-oħra.

*Artikolu 37*

L-Istati Membri għandhom, għal skopijiet ta' informazzjoni, jikkomunikaw lill-Kummisjoni t-test ta' ftehimiet, konvenzjonijiet jew arranġamenti konklużi bejniethom fil-qasam tal-ħaddiema disponibbli bejn id-data tal-iffirmar tagħhom u dik tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

▼M1

__________

▼B

*Artikolu 39*

In-nefqa amministrattiva tal-Kumitat Konsultattiv u tal-Kumitat Tekniku għandha tkun inkluża fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea fit-taqsima dwar il-Kummissjoni.

*Artikolu 40*

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-Istati Membri u għaċ-ċittadini tagħhom, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 2 u 3.

*Artikolu 41*

Ir-Regolament (KEE) Nru 1612/68 huwa mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu 42*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS I*

**IR-REGOLAMENT IMĦASSAR FLIMKIEN MA' LISTA TAL-EMENDI SUĊĊESSIVI TIEGĦU**

| | |
|---|---|
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 (ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2) | |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 312/76 (ĠU L 39, 14.2.1976, p. 2) | |
| Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2434/92 (ĠU L 245, 26.8.1992, p. 1) | |
| Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77) | L-Artikolu 38(1) biss |

▼B

*ANNESS II*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

| Ir-Regolament (KEE) Nru 1612/68 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| L-Ewwel Parti | Kapitolu I |
| Titolu I | Taqsima 1 |
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż | Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, punt (a) |
| Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż | Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu, punt (b) |
| Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu | Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 3(2) | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| Artikolu 6 | Artikolu 6 |
| Titolu II | Taqsima 2 |
| Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| Artikolu 8(1) | Artikolu 8 |
| Artikolu 9 | Artikolu 9 |
| Titolu III | Taqsima 3 |
| Artikolu 12 | Artikolu 10 |
| It-Tieni Parti | Kapitolu II |
| Titolu I | Taqsima 1 |
| Artikolu 13 | Artikolu 11 |
| Artikolu 14 | Artikolu 12 |
| Titolu II | Taqsima 2 |
| Artikolu 15 | Artikolu 13 |
| Artikolu 16 | Artikolu 14 |
| Artikolu 17 | Artikolu 15 |
| Artikolu 18 | Artikolu 16 |
| Titolu III | Taqsima 3 |

▼B

| Ir-Regolament (KEE) Nru 1612/68 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 19 | Artikolu 17 |
| Titolu IV | Taqsima 4 |
| Artikolu 21 | Artikolu 18 |
| Artikolu 22 | Artikolu 19 |
| Artikolu 23 | Artikolu 20 |
| It-Tielet Parti | Kapitolu III |
| Titolu I | Taqsima 1 |
| Artikolu 24 | Artikolu 21 |
| Artikolu 25 | Artikolu 22 |
| Artikolu 26 | Artikolu 23 |
| Artikolu 27 | Artikolu 24 |
| Artikolu 28 | Artikolu 25 |
| Artikolu 29 | Artikolu 26 |
| Artikolu 30 | Artikolu 27 |
| Artikolu 31 | Artikolu 28 |
| Titolu II | Taqsima 2 |
| Artikolu 32 | Artikolu 29 |
| Artikolu 33 | Artikolu 30 |
| Artikolu 34 | Artikolu 31 |
| Artikolu 35 | Artikolu 32 |
| Artikolu 36 | Artikolu 33 |
| Artikolu 37 | Artikolu 34 |
| Ir-Raba’ Parti | Kapitolu IV |
| Titolu I | — |
| Artikolu 38 | — |
| Artikolu 39 | Artikolu 35 |
| Artikolu 40 | — |
| Artikolu 41 | — |
| Titolu II | — |
| Artikolu 42(1) | Artikolu 36(1) |

▼B

| Ir-Regolament (KEE) Nru 1612/68 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 42(2) | Artikolu 36(2) |
| Artikolu 42(3), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel u t-tieni inċiżi | Artikolu 36(3), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 42(3), it-tieni subparagrafu | Artikolu 36(3), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 43 | Artikolu 37 |
| Artikolu 44 | Artikolu 38 |
| Artikolu 45 | — |
| Artikolu 46 | Artikolu 39 |
| Artikolu 47 | Artikolu 40 |
| — | Artikolu 41 |
| Artikolu 48 | Artikolu 42 |
| — | Anness I |
| — | Anness II |